(4) li, filwaqt li l-kontroll ikkonferma l-eżattezza tat-taxxa li għandha tiġi rimborsata kif speċifikata fid-dikjarazzjoni fiskali, l-Istat iwettaq tpaċija mad-diversi djun fiskali kkonstatati fl-avviż rettifikattiv dwar il-perijodi preċedenti fid-data tal-preżentata tad-dikjarazzjoni fiskali inkwistjoni, kif ukoll mal-interessi fuq dawn id-djun, fid-data tal-adozzjoni tal-imsemmi avviż rettifikattiv milli fid-data tal-imsemmija dikjarazzjoni, filwaqt li l-Istat ma għandux iħallas interessi matul it-terminu legali għar-rimbors tas-somom dovuti u japplika l-interessi fuq it-taxxi paċuti bejn id-data tal-preżentata tad-dikjarazzjoni fiskali u d-data tal-adozzjoni tal-avviż rettifikattiv?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1. p. 23
(2) ĠU L 347, p. 1

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Ordinario di Venezia (l-Italja) fis-26 ta' Frar 2010 — Ivana Scattolon vs Ministero dell'Università e della Ricerca**

**(Kawża C-108/10)**

(2010/C 134/31)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Ordinario di Venezia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ivana Scattolon

*Konvenut:* Ministero dell'Università e della Ricerca

**Domandi preliminari**

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 77/187/KEE ([1]), tal-14 ta' Frar 1977, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji u/jew id-Direttiva 2001/23/KE ([2]), tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji jew kull leġiżlazzjoni Komunitarja oħra applikabbli għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jistgħu jiġu applikati għal każ ta' trasferiment ta' persunal responsabbli minn servizzi awżiljarji ta' tindif u manutenzjoni tal-iskejjel tal-istat minn entitajiet pubbliċi lokali (komuni u provinċi) għall-impjieg mal-istat, fejn it-trasferiment wassal għall-assunzjoni mhux biss tal-attivitajiet inkwistjoni u ta' relazzjonijiet ta' xogħol mal-persunal (purtinara) kollu impjegat, iżda anki għall-kuntratti ta' appalt li saru ma' impriżi privati sabiex jiġu ggarantiti dawn is-servizzi?

(2) Il-kontinwità tar-relazzjoni ta' xogħol fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 77/187/KEE ċċitata iktar 'il fuq (inkorporata, fid-Direttiva tal-Kunsill 98/50/KE ([3]), tad-29 ta' Ġunju 1998 li temenda d-Direttiva 77/187/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, fid-Direttiva 2001/23/KE ċċitata iktar 'il fuq) għandha tiġi interpretata fis-sens li l-kwantifikazzjoni tal-ħlasijiet mill-entità ġdida li tħaddem marbuta mal-anzjanità fis-servizz għandha tikkunsidra s-snin kollha li l-persunal ittrasferit ħadem, inkluż fihom dawk maħduma fis-servizz ta' minn qed jittrasferixxi?

(3) L-Artikolu 3 tad-Direttiva 77/187/KEE ċċitata iktar 'il fuq u/jew id-Direttivi tal-Kunsill 98/50/KE u 2001/23/KE ċċitati iktar 'il fuq għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-drittijiet tal-impjegati ttrasferiti għand l-entità ġdida li tħaddem jinkludu wkoll il-vantaġġi kweżiti mill-impjegat meta kien jaħdem għand minn qed jittrasferixxi, bħal dawk tal-anzjanità, jekk id-drittijiet ta' natura ekonomika huma marbuta magħha skont il-ftehim kollettiv fis-seħħ fi ħdan l-entità ġdida li tħaddem?

(4) Il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju fis-seħħ li jirrigwardaw iċ-ċertezza legali, il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, l-ekwità proċedurali, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, id-dritt għal qorti indipendenti, u b'mod iktar ġenerali is-smigħ xieraq, iggarantiti mill-Artikolu 6(2) tat-Trattat UE (kif emendat bl-Artikolu 1(8) tat-Trattat ta' Lisbona u li għalih jirreferi l-Artikolu 46 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) — moqri flimkien mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 u mal-Artikoli 46, 47 u 52(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ipproklamata f'Nice fis-7 ta' Diċembru 2000, kif inkluża fit-Trattat ta' Lisbona, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu l-addozzjoni mill-Istat Taljan, wara perijodu kunsiderevoli (ħames snin) ta' dispożizzjoni li għandha interpretazzjoni awtentika differenti tal-kliem li għandu jiġi interpretat u tmur kontra l-interpretazzjoni stabbilita tal-istituzzjoni responsabbli mill-funzjoni tal-garanzija ta' interpretazzjoni uniformi tal-liġi, dispożizzjoni li barra minn hekk hija rilevanti sabiex jiġu deċiżi kwistjonijiet li fihom huwa involut l-Istat Taljan stess?

(1) ĠU L 61, p. 26
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98
(3) ĠU L 201, p. 88

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-2 ta' Marzu 2010 — Zuckerfabrik Jülich AG vs Hauptzollamt Aachen**

**(Kawża C-113/10)**

(2010/C 134/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Zuckerfabrik Jülich AG

*Konvenut:* Hauptzollamt Aachen

**Domanda preliminari**

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1193/2009, tat-3 ta' Novembru 2009, li jirrettifika r-Regolamenti (KE) Nru 1762/2003, (KE) Nru 1775/2004, (KE) Nru 1686/2005, (KE) Nru 164/2007 u li jiffissa l-imposti tal-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għas-snin tas-suq 2002/2003, 2003/2004, 2004/2005, 2005/2006 ([1]) huwa validu?

([1]) ĠU L 321, p. 1.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank van eerste aanleg te Brussel (il-Belġju) fit-3 ta' Marzu 2010 — Belpolis Benelux SA vs Belgische Staat

**(Kawża C-114/10)**

(2010/C 134/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Rechtbank van eerste aanleg te Brussel

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Belpolis Benelux SA

*Konvenut:* Belgische Staat

**Domandi preliminari**

(1) Id-dritt Komunitarju, b'mod partikolari l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi stabbilit fl-Artikolu 56 TFUE, jipprekludi regoli bħal dawk li jinsabu fl-Artikoli 1 u 1a tad-Digriet Irjali Belġjan Nru 20 tal-20 ta' Lulju 1970, li jistabbilixxu li r-rata mnaqqsa tal-VAT (6 %) għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni tista' tiġi applikata biss meta l-fornitur tas-servizz ikun irreġistrat fil-Belġju bħala kuntrattur skont l-Artikoli 400 u 401 tal-Wetboek van Inkomstenbelastingen (Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul Belġjan) 1992?

(2) Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 1 u 1a tad-Digriet Irjali Nru 20 tal-20 ta' Lulju 1970 jiksru l-pinċipju ta' newtralità fiskali u/jew il-prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju ta' trattament ugwali peress li jippermettu li r-rata mnaqqsa tal-VAT (6 %) għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni tapplika biss jekk il-fornitur tas-servizz ikun irreġistrat fil-Belġju bħala kuntrattur skont l-Artikoli 400 u 401 tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul 1992?

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Bíróság (l-Ungerija) fit-3 ta' Marzu 2010 — Bábolna Mezőgazdasági Termelő, Fejlesztő és Kereskedelmi Zrt., fi stralċ vs Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal Központi Szerve

**(Kawża C-115/10)**

(2010/C 134/34)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Fővárosi Bíróság (l-Ungerija)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Bábolna Mezőgazdasági Termelő, Fejlesztő és Kereskedelmi Zrt. fi stralċ

*Konvenut:* Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal Központi Szerve

**Domandi preliminari**

(1) Jista' wieħed jiddistingwi bejn il-kundizzjonijiet li għalihom huma suġġetti, minn naħa, l-għajnuna Komunitarja (tal-FAEGG) li taqa' taħt il-politika agrikola komuni u, min-naħa l-oħra, l-għajnuna nazzjonali komplementari, jew — fi kliem ieħor — il-kundizzjonijiet ta' għajnuna nazzjonali komplementari jistgħu jiġu previsti minn regoli oħra, iktar stretti minn dawk li jirregolaw l-għajnuna ffinanzjata mill-FAEGG?

(2) Il-kamp ta' applikazzjoni stabbilit, għal dak li jikkonċerna l-benefiċjarji tal-għajnuna, mill-Artikolu 1(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3508/92 tas-27 ta' Novembru 1992 li jistabbilixxi amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll għal ċerti skemi ta' għajnuna tal-Komunità ([1]), u mill-Artikolu 10(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1259/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jistabbilixxi regoli komuni għall-iskemi ta' appoġġ dirett skond il-politika agrikola komuni ([2]), għandu jiġi interpretat fis-sens li l-għajnuna hija, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-benefiċjarji tagħha, suġġetta għal żewġ kundizzjonijiet biss: jiġifieri li għandha tingħata a) lil grupp ta' produtturi agrikoli (jew produttur agrikolu individwali) b) li l-ażjenda tiegħu tkun fit-territorju tal-Komunità?